**KUNSILL LOKALI KALKARA**
1 BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI, KALKARA
WEBSITE: www.kalkaralocalcouncil.com TEL: 21665500
EMAIL: kalkara.lc@gov.mt FAX: 21665566

**Seduta Nru:** 1-12

**Data: 25 ta' Jannar** 2012

**Hin:** 4.00p.m

**Post:** Ufficcju tal-Kunsill Lokali

**Membri Prezenti :** Michael Cohen - Sindku
Norbert Grech - Vici Sindku - skuzat
Maria Sultana – Kunsilliera
Speranza Chircop – Kunsilliera
Roderick Mizzi – Kunsillier - skuzat

**Minuti** :

1. **Approvazzjoni tal-Minuti.**

Il-Minuti tas-seduta nru; 11.11 gew moqrija u approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku is-Sur Michael Cohen u sekondati mill-Kunsilliera Speranza Chircop.

**2. Punti mqajjma mill-Minuti:-**

2.1 Bus Shelter.
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-applikazzjoni saret u issa il-Kunsill jistenna l-permess tal-Mepa sabiex tkun tista titwahhal il-Bus Shelter il-gdida.

**3 Komunikat mis-Sindku.**

3.1 Xogholijiet.
3.1a Is-Sindku nforma lill-Kunsill li beda x-xoghol skond il-permessi tal-MEPA fuq il-mafkar tal-gwerra fi Pjazza Sagra Familja fi Triq Patist Borda.
3.1b Is-Sindku semma wkoll li qieghed isir xoghol ta' manutenzjoni fuq il-bankina ta' Triq Rinella faccata tas-Sala Parrokjali.

**4. Korrispondenza.**

4.1 Kawza tal-Wied tal-Kalkara
Is-Sindku nforma lill-Kunsill b'kont dovut lill-Perit Legali tal-Mepa u l-Perit Tekniku li hejjew

rapport ordnat mill-Qorti bi spejjez ghall-Kunsill. Il-Kunsill qabel li dawn ghandhom jithallsu fuq ordni tal-Qorti.

4.2. Skema tad-Djar – Manutenzjoni fil-komun tal-binjiet tal-Gvern.

Is-Sindku semma li fil-5.00 ta' filghaxija illum stess ser issir il-laqgha mar-residenti tal-binjiet tal-Gvern maghzula u mac-CEO tal-Awtorita tad-Djar fis-sala parrokjali.

## 5. Laqgha Pubblika.

Il-Kunsill iddecieda li ssir il-Laqgha Pubblika Annwali il-Hadd 5 ta' Frar 2012 fl-10.00 ta' filghodu fl-ufficju tal-Kunsill Lokali. Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li ser jitqassmu CDs bir-rapport SDAP lir-residenti kollha tal-Kalkara sabiex min irid jghaddi l-kummenti tieghu dwar dan ir-rapport. Dan ir-rapport huwa ta' uzu ghal dawk kollha li jigu bzonn xi informazzjoni fuq il-Kalkara. Dawn ic-CDs gew ippreparati mill-istaff tal-Kunsill b'investiment fil-materjal ghall-preparazzjoni taghhom.

## 6. Approvazzjoni tal-Budget.

Il-Kunsill Lokali approva l-budget b'vot unanimu propost mis-Sindku.

## 7. Approvazzjoni tal-Performance Bonus.

Il-Kunsill approva l-ghoti tal-Performance Bonus tas-Segretarju Ezekuttiv.

## 8. Approvazzjoni tal-Lista ta' Pagamenti.

Giet approvata wkoll il-lista tal-pagamenti bin-numru tar-referenza 1-12.

## 9. Aggornament

Il-Kunsilliera Maria Sultana semmiet li ser tigi organizzata l-attivita tal-Karnivall nhar il-Gimgha 17 ta' Frar 2012 fix-Xatt tal-Kalkara.

Il-Kunsilliera Speranza Chircop ghaddiet il-lista ta' korsijiet li ser isiru fiz-zmien li gej.

Is-Seduta spiccat fil-5.00 ta' filghaxija u giet aggornata sine dia.

| | |
|---|---|
| M.Cohen | S Galea Iriele |
| Sindku | Seg Ezekuttiv |